# Il-Ħadd 15.04.2018

1. Illum 15/04, **it-Tielet Ħadd tal-Għid – Jum il-Karità**:
    - Tul din il-ġimgħa ser ikollna xi qfief madwar l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw b'ġest ta' Karità.

    - Fil-Parroċċa tagħna ser infakkru wkoll **JUM ĦAL SAFI.**
    - Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (420 sena) li seħħ nhar it-13/04/1598.

    - Fl-10:00am: Quddiesa b'ringrazzjament mal-Kunsill Lokali u l-Għaqdiet tal-Parroċċa u r-raħal tagħna u animata mill-Kor *'Sine Macula'*. Wara l-Banda San Pawl tagħmel marċ sal-Uffiċċju tal-Kunsill fejn ser issir l-inawgurazzjoni tas-Sala Pietru Pawl Busuttil fil-binja tal-Kunsill Lokali stess, u wara riċeviment.

2. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
    - It-Tnejn 16/04: PM – Triq il-Feniċi, Triq Salvu Cauchi
    - It-Tlieta 17/04: AM – Triq San Pawl (minn Misraħ il-Knisja sa' Triq San Ġużepp),<br>Triq San Franġisk, Triq Santa Marija<br>PM – Triq in-Nassaba (il-Ġdida)
    - L-Erbgħa 18/04: PM – Triq il-Kenn
    - Il-Ġimgħa 20/04: PM – Triq il-Menqa, Misraħ San Mattew

3. Il-Ħamis 19/04:
    - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-knisja ta' San Ġużepp, il-Manikata fejn ikollna Quddiesa, u wara Buffet Breakfast f'lukanda l-Qawra. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
    - Fis-5:45pm – Laqgħa għall-ġenituri ta-tfal subien li qegħdin fil-klassijiet mill-Year 1 sal-Year 5 fil-Museum tas-Subien. Il-laqgħa ssir waqt il-lezzjoni tat-tfal.

4. Il-Ġimgħa 20/04:
    - Fis-7:15pm – Laqgħa għall-Ġenituri ta' dawk it-tfal li se jirċievu l-Ewwel Tqarbina. Din ser issir fil-Museum tas-Subien.

5. Il-Ħadd 22/04, **ir-Raba' Ħadd tal-Għid - Jum il-Vokazzjonijiet**.
    - Fid-9:00am – Fil-Katidral tal-Imdina, ser issir ċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, li matulha ser jiġu ordnati 4 djakni. Nifirħulhom u nitolbu għalihom.
    - Fl-10:00am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.

6. Avviżi oħra:
    - Bejn is-Sibt 5/05 u t-Tnejn 7/05, l-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna ser jiġi fostna, għall-viżta pastorali fil-parroċċa tagħna. Aktar informazzjoni u dettalji ngħadduhielkom fiż-żmien li ġej. Biss inħeġġiġkom biex minn issa nitolbu ħalli din iż-żjara tħalli l-frott mixtieq tal-Mulej fostna, u ħalli nimpenjaw aktar ruħna fil-ħidmiet tal-parroċċa biex nippreparaw sewwa għal din l-esperjenza.
    - Infakkar li bħala Parroċċa qed norganizzaw Pellegrinaġġ għal Lourdes fi Franza bejn it-Tnejn 9/07 u l-Ġimgħa 13/07. Min hu interessat jieħu sehem jista' jikseb aktar informazzjoni mill-Uffiċċju Parrokkjali u jipprovdi d-dettalji u d-depożit mitluba sa' tmiem dan ix-xahar.

7. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
    - B'rabta mal-festa Kulturali li ser issir nhar il-Ħamis 7/06, il-Kunsill għandu bżonn numru ta' voluntiera bħala artisti, talenti lokali, u għajnuna oħra. Aktar informazzjoni u reġistrazzjoni fl-Uffiċċju tal-istess Kunsill.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 280 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi.